**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 503/16 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

> Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elf disgha mija u tmienja u tmenin (6.8.1988) f'Malta u z-zwieg taghhom huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghandu registrazzjoni numru 1383/1988) (kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A).
>
> Illi l-partijiet isseparaw legalment fit-23 ta' Ottubru 2007 atti Nutar susan Mercieca u permezz ta' kuntratt iehor tat-23 ta' Settembru 2016 atti Nutar Dorianne Arapa anness l-partijiet

kienu transigew il-pendenzi taghhom dwar l-arretrati ta' manteniment ghal mara u ghaz-zewg uliedhom  kif ukoll ghal manteniment tat-tifel  li ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena u ghadu jistudja full-time, fis-sens li l-esponenti ghaddha sehemu mid-dar matrimonjali lill-intimata bhala tpacija u dan ghas-saldu.

Illi dan il-kuntratt tat-23 ta' Settembru 2016 atti Nutar Dorianne Arapa qed jigi anness u markat Dok A.

Illi skond l-istess kuntratt Dok A, l-mara ddekadiet mid-dritt taghha li tircevi manteniment

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal Jessica l ghandha 25 sena u Karl li ghandu 21 sena u ghadu jistudja full-time.  Il-manteniment ta' Karl ghas-sentejn li gejjin gia thallas meta r-rikorrenti ghadda sehemu mid-dar  u l-garage li qabel kienet id-dar matrimonjali  jinsabu numru 24 u 22, Triq Francesco Zammit Dingli

Illi ghalhekk arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Illi skond l-istess kuntratt Dok A, l-mara ddikjarat fi klawsola 16 li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju.

Talbet  li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex  :

1. 1 tippronunzja l-hall taz-zwieg li  gie ccelebrat  fis-6 ta' Awissu 1988     liema registrat gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghandu registrazzjoni numru 1383/1988.

2. tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti nomine irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Ottubru 2007;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.